**Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI għall-Ġurnata Missjunarja Dinjija**

**L-imħabba, ir-ruħ tal-missjoni**

Ħuti għeżież,

1. Il-Ġurnata Missjunarja Dinjija, li se niċċelebraw il-Ħadd, 22 ta' Ottubru li ġej, toffrilna l-opportunità li nirriflettu din is-sena fuq it-tema: "L-imħabba, ir-ruħ tal-missjoni". Il-missjoni, jekk ma tkunx imqanqla mill-imħabba, jiġifieri jekk ma tkunx ġejja minn att profond ta' mħabba divina, tirriskja li tirriduċi ruħha għal sempliċi ħidma filantropika u soċjali. Infatti, l-imħabba li Alla għandu għal kull persuna hija l-qalba ta' l-esperjenza u tat-tħabbira ta' l-Evanġelju, u dawk li jilqgħuh isiru huma stess xhieda tiegħu.

L-imħabba ta' Alla li tagħti l-ħajja lid-dinja hija l-imħabba li ngħatat f'Ġesù, il-Kelma tas-salvazzjoni, xbieha perfetta tal-ħniena tal-Missier tas-sema. Għalhekk il-messaġġ tas-salvazzjoni jista' jinġabar tajjeb fil-kliem ta' l-evanġelista Ġwanni: "B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih" (1 Ġw. 4,9).

Il-mandat biex ixerrdu l-aħbar ta' din l-imħabba ġie afdat minn Ġesù lill-Appostli wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet, u l-Appostli mibdula interjorment fil-jum ta' Għid il-Ħamsin bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, bdew jagħtu xhieda għall-Mulej li miet u qam mill-imwiet. Minn dak iż-żmien il-Knisja tkompli din l-istess missjoni, li hija għall-fidili kollha impenn inaljenabli u permanenti.

2. Kull komunità nisranija, għalhekk, hija msejħa biex tagħmel 'l Alla, li hu Mħabba, magħruf. Fuq dan il-misteru fundamentali tal-fidi tagħna ridt nieqaf u nirrifletti fl-Enċiklika *Deus caritas est* . Bl-imħabba tiegħu Alla jimla l-ħolqien kollu u l-istorja ta' l-umanità.

Fil-bidu l-bniedem ħareġ minn idejn il-Ħallieq bħala frott ta' inizjattiva ta' mħabba. Imbagħad id-dnub ċajpar fih ix-xbieha ta' Alla. Imqarrqin mix-xitan, l-ewwel ġenituri tagħna Adam u Eva tilfu r-relazzjoni ta' fiduċja mal-Mulej tagħhom, għax ċedew għat-tentazzjoni tax-xitan li daħħlilhom f'rashom is-suspett li Alla kien rival tagħhom u ried jillimita l-libertà tagħhom. Hekk flok id-don ta' l-imħabba divina ppreferew lilhom infushom, konvinti li b'hekk jiddikjaraw ir-rieda ħielsa tagħhom.

Il-konsegwenza kienet li spiċċaw biex tilfu l-feliċità tal-bidu u daqu l-imrar tan-niket tad-dnub u tal-mewt. Imma Alla ma abbandunahomx u wiegħed lilhom u lid-dixxendenti tagħhom is-salvazzjoni, billi ħabbar li għad jibgħat l-Iben waħdieni tiegħu, Ġesù, li kellu jirrivela, fil-milja taż-żmien, l-imħabba tiegħu ta' Missier, imħabba kapaċi li tifdi lil kull bniedem mill-jasar tal-ħażen u tal-mewt.

Fi Kristu, għalhekk, ngħatat lilna l-ħajja immortali, l-istess ħajja tat-Trinità. Minħabba Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb li ma jabbandunax in-nagħġa l-mitlufa, il-bnedmin ta' kull żmien jistgħu jidħlu f'komunjoni ma' Alla, Missier ħanin, lest li jerġa' jilqa' fid-dar lill-iben il-ħali.

Sinjal sorprendenti ta' din l-imħabba huwa s-Salib. Il-mewt ta' Kristu fuq is-salib - ktibt fl-Enċiklika *Deus caritas est* - "hija l-quċċata ta' dak l-għemil ta' Alla kontra tiegħu nnifsu, li fik jagħti lilu nnifsu biex iqajjem lill-bniedem u jsalvah. Din hija l-imħabba fil-forma l-aktar radikali tagħha. Huwa hemmhekk li din il-verità tista' tiġi kkontemplata. Huwa minn hemmhekk li rridu nibdew biex infissru x'inhi l-imħabba. Meta jibda minn din il-kontemplazzjoni, in-nisrani jsib it-triq tal-ħajja u ta' l-imħabba tiegħu" (n. 12).

3. Lejliet il-passjoni tiegħu Ġesù ħalla bħala testment lid-dixxipli, miġbura fiċ-Ċenaklu biex jiċċelebraw l-Għid, il-"kmandament ġdid ta' l-imħabba – *mandatum novum"*: "Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin" (Ġw. 15,17). L-imħabba ta' l-aħwa li l-Mulej jitlob mill-"ħbieb" tiegħu għandha l-għajn tagħha fl-imħabba ta' missier ta' Alla.

L-appostlu Ġwanni josserva: "Kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla" (1 Ġw. 4, 7). Mela, biex inħobbu skond Alla jinħtieġ li ngħixu fih u bih: Alla hu l-ewwel "dar" tal-bniedem, u dak biss li jgħammar fih jitkebbes bin-nar ta' l-imħabba ta' Alla b'mod li jkun jista' "jqabbad" id-dinja.

Mhix forsi din il-missjoni tal-Knisja f'kull żmien? Mela mhuwiex diffiċli li nifhmu li l-ħerqa missjunarja awtentika, impenn ewlieni tal-komunità ekkleżjali, hija marbuta mal-fedeltà għall-imħabba ta' Alla, u dan jgħodd għal kull nisrani, għal kull komunità lokali, għall-Knejjes partikulari u għall-poplu kollu ta' Alla.

Proprju fl-għarfien ta' din il-missjoni komuni tagħhom, id-dixxipli ta' Kristu jsibu l-qawwa biex iwieġbu bil-ġenerożità ħalli jagħmlu opri ta' promozzjoni umana u spiritwali li jixhdu, kif kiteb l-maħbub Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika *Redemptoris missio,* "ir-ruħ tal-ħidma missjunarja kollha: l-imħabba li hi u tibqa' l-qawwa li tmexxi l-missjoni, u li hija wkoll l-unika regola li fuqha kollox għandu jsir jew ma jsirx, jinbidel jew ma jinbidilx. Hija l-prinċipju li għandu jmexxi kull ħidma u l-iskop li għalih għandha timmira. Meta naħdmu b'rispett għall-imħabba jew ispirati mill-imħabba, xejn mhu inopportun u kollox hu tajjeb" (n. 60).

Li nkunu missjunarji jfisser mela li nħobbu 'l Alla b'qalbna kollha, saħansitra, jekk hemm bżonn, li nagħtu ħajjitna għalih. Kemm saċerdoti, reliġjużi rġiel u nisa u lajċi, anki fi żmienna tawh ix-xhieda suprema ta' l-imħabba tagħhom bil-martirju! Li nkunu missjunarji huwa li, bħas-Samaritan it-Tajjeb, nitbaxxew quddiem il-bżonnijiet ta' kulħadd, speċjalment ta' l-aktar foqra u fil-bżonn, għaliex min iħobb bil-qalb ta' Kristu ma jfittixx l-interessi tiegħu imma biss il-glorja tal-Missier u l-ġid tal-proxxmu. Hawn jinsab is-sigriet tal-frott appostoliku tal-ħidma missjunarja, li taqbeż il-fruntieri u l-kulturi, tilħaq il-popli kollha u tinfirex sa l-ibgħad irkejjen tad-dinja.

4. Ħuti għeżież, il-Ġurnata Missjunarja Dinjija għandha tkun okkażjoni utli biex nifhmu dejjem aħjar li x-xhieda ta' l-imħabba, ir-ruħ tal-missjoni, tinteressa lil kulħadd. Infatti, li naqdu lill-Evanġelju m'għandux jitqies bħala avventura individwali, imma bħala impenn li fih tieħu sehem il-komunità kollha. Flimkien ma' dawk li huma quddiemnett fuq il-front ta' l-evanġelizzazzjoni - u hawnhekk qed naħseb b'rikonoxxenza fuq il-missjunarji rġiel u nisa - ħafna oħrajn, tfal, żgħażagh u kbar, bit-talb u l-kooperazzjoni tagħhom b'diversi modi qegħdin jikkontribwixxu għat-tixrid tas-Saltna ta' Alla fid-dinja. Ix-xewqa tiegħi hija li din il-parteċipazzjoni tikber dejjem aktar bil-kontribut ta' kulħadd. Nieħu bi pjaċir din l-okkażjoni biex nuri l-gratitudni tiegħi lill-Kongregazzjoni għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli u lill-Opri Missjunarji Pontifiċji, li b'dedikazzjoni jikkoordinaw l-isforzi mifruxa f'kull parti tad-dinja biex jgħinu l-ħidma ta' dawk li huma quddiemnett fuq il-front missjunarju.

Jalla l-Verġni Marija, li bil-preżenza tagħha ħdejn is-Salib u t-talb tagħha fiċ-Ċenaklu kkollaborat attivament fil-bidu tal-missjoni tal-Knisja, issaħħaħ il-ħidma tagħhom u tgħin lil dawk li jemmnu fi Kristu biex ikunu dejjem aktar kapaċi li tassew iħobbu, biex f'dinja spiritwalment bil-għatx isiru għajn ta' ilma ħaj.

Nesprimi bil-qalb din ix-xewqa, waqt li nibgħat lil kulħadd il-barka tiegħi.